# KUNSILL LOKALI – L-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**


Minuti tas-seduta numru sitta u sebgħin (76) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar l-Erbgħa, 22 ta' Ġunju, 2011 fil-Bini Amministrattiv tal-kunsill fis-7:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |
| SKUŻAT: | Charles Farrugia | Deputat Sindku |

1. Id-data tal-**laqgħa kienet trasferita** mit-Tlieta 21, għall-Erbgha 22 ta' Ġunju 2011 wara li kien hekk propost mis-sindku minħabba ċelebrazzjoni liturġika fiċ-Ċimiterju abbinata ma' Jum il-Missier peress li din kellha tiġi ċċelebrata aktar tard minn irħula oħra li normalment jiċċelebrawha l-Ħadd, 19 ta' Ġunju, peress li ħabtet mal-Festa tal-Madonna tal-Ġilju (MTĠ).

2. Is-sindku informa lill-kunsillieri illi **Charles Farrugia ma' setax ikun magħna** peress li kien imsiefer u l-kunsillieri skużawh b'mod unanimu.

3. Is-**sindku** qal it-talba u **ppresjeda l-laqgħa**.

4. Il-**minuti tas-seduta** preċedenti kienu mibgħuta lill-kunsillieri permezz ta' *e-mail* aktar kmieni il-ġimgħa li għaddiet, dawn kienu approvati u ffirmati bil-korrezzjonijiet li jidhru fuq il-kopja oriġinali u li ġew inizjalati mis-sindku u s-segretarju eżekuttiv.

**Punti mill-Minuti:**

5. Is-sindku informa lill-kunsillieri illi għadna kemm ħriġna l-***call for quotations*** sabiex nagħmlu l-*IT* u l-*Electrical Changeover*, inkluż ix-xiri ta' *computer* li se jservi bħala *file server back up* kif ukoll *uninterrupted power supplies*. Fl-istess avviż li deher f'*The Malta Independent* u fil-Gazzetta tal-Gvern, hemm ukoll sejħa għall-kwotazzjonijiet għall-forniment ta' żebgħa għat-toroq kif ukoll dik tat-tabelli u sinjali tat-toroq.

6. Is-sindku semma kif propju fil-jiem tal-festa seħħ **imblukkar fis-sistema tal-*waste water*** fi Triq Santa Katerina propju viċin il-maħżen tal-armar tas-SMMTĠ. Il-KLM u l-Kunsillier Paul Spiteri irnexxielhom jikkomunikaw mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fil-ħin sabiex ma jkunx hemm problemi sanitarji peress li dan beda ħiereġ barra.

7. Il-**Kunsill Lokali tal-Imqabba naddaf Triq is-Siġġiewi, Triq il-Parroċċa, Triq tas-Sejba u parti minn Triq Ħal Farruġ** mill-iskart u l-akkumulu ta' trabijiet u ħaxix ħażin permezz tal-makkinarju goff. Fost dawn it-toroq insibu wkoll Triq Valletta l-Qadima u Triq Ħal Kirkop; liema toroq kienu indikati mill-awtoritajiet, *cioè* id-Dipartiment Indafa Pubblika li konna mhedda li jekk ma nnaddfuhomx fi żmien tlett ijiem, kienu se jaqtgħulna €800 mill-allokazzjoni finanzjarja governattiva li jagħtina l-gvern ċentrali. Dan it-tindif ta' dawn it-toroq laħaq €5,800.

8. Bħala evalwazzjoni għall-Festa tal-Madonna tal-Ġilju li kienet organizzata fi tmiem il-ġimgha li għaddiet, is-sindku qal li mar kollox b'wiċċ il-ġid u l-KLM ta s-sehem sħiħ tiegħu biex kien hawn servizz effiċjenti tat-tindif; it-trasport /traffiku kien regolat u maniġġjat tajjeb bil-gwardjani lokali bl-ispiża addizzjonali li jagħmel il-KLM; tpoġġa bukkett fjuri quddiem l-istatwa fil-Knisja; u ospitajna lill-Banda barranija *Kopfing* mill-Awstrija, mistiedna tas-soċjetà li kienet akkumpanjata mis-sindku tal-post. Is-Sindku, Noel Galea mar magħhom għand il-Prim

Ministru kif ukoll flimkien mal-kunsillieri lqajnihom fostna fl-Isptar il-Qadim u se nkunu qed inħallsu parti mir-riċeviment (€300); setgħu jinżlu fil-Katakombi tal-Mentna Paleo Kristjani; u dħalna għal spiża biex infetħu minn *Heritage Malta* ta' €40; ħarġu l-permessi tal-kabbani u kull sid tal-kabbana kellu jiffirma illi qara l-istess *bye-law* tal-kontenituri tal-ħġieġ, tant li l-KLM hu sodisfatt minn nuqqas ta' fliexken tal-ħġieġ matul din is-sena imħallat mal-iskart. Noel Galea irrimarka għan-numru kbir ta' nies li kien hawn lejlet il-festa speċjalment fil-*by-pass*, filwaqt li s-segretarju eżekuttiv qal li l-parkeġġ kien jestendi kważi sal-*village core* tal-Qrendi u minn naħa tas-Siġġiewi, sa ta' Kandja. Infatti ħafna mis-*site seeing buses* u *coaches* oħra, lanqas għaddew minn Triq il-Belt Valletta iżda ġew minn dik in-naħa u baqgħu jistennew lin-nies lura fl-inħawi tal-Mentna. Bla dubju, ir-rekord dinji li nkiser lejlet il-festa, ikkontribwixxa sabiex fir-raħal jiġu nies li qatt qabel ma kienu magħna għall-festa.

9. Dwar ix-xogħol ta' kostruzzjoni ta' toroq li għad fadal xi jsiru, is-sindku qal illi ħriġna *default notice advise* lill-kumpanija *Asfaltar Ltd* minkejja li l-ġimgħa d-dieħla jmisshom pagament ieħor mill-KLM skond il-kuntratt iffirmat għaliex dawn sal-aħħar tax-xahar ta' Ġunju 2011, suppost ikunu lestew it-toroq kollha. Madankollu għad fadal Triq is-Saljatura, Triq il-Murselli, is-*Service Road* ta' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija bejn Triq il-Murselli u Triq in-Nazzarenu, Triq iż-Żurrieq, Triq il-Fjuri, Sqaq il-Blanzuni, żewġ sqaqien fi Triq il-Fjuri, Sqaqien Numru 1, 3 u 4 fi Triq il-Parroċċa u Triq Ħal Kirkop.

10. Dwar il-ħarġa li jmiss tal-fuljett, is-sindku avża lill-kunsillieri sabiex jaħsbu jagħmlu l-artikli tagħhom ħalli naħsbu kmieni minħabba li f'Awwissu l-istampatur joħroġ bix-*shut down*. Għaldaqstant, hu qal li għandna nonoraw id-*deadline* imfassla minnu biex sa nofs Lulju jkollna l-artikli f'idejna.

11. Il-KLM għadda l-*feedback* tiegħu lill-Kumitat Reġjonali dwar id-delega antiċipata li tidħol fis-seħħ dwar il-lampi tat-toroq li għad fadal fuq l-arbli. Dan skond kif kien ippreżentat fl-abbozz tas-segretarji eżekuttivi fl-aħħar laqgħa u kif kien emendat minħabba xi punti oħra li kienu tressqu fi ħdan il-KLM. Jidher però li din se tkun differenti minn dik eżistenti (lampi tat-toroq imwaħħla mal-faċċati tad-djar) għaliex il-gvern ċentrali jidher li se jgħaddi l-fondi lill-istess Kumitat Reġjonali u dan se jimmaniġġja kollox hu.

12. Filwaqt li għaddejna r-rapport finanzjarju tal-ewwel kwart lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, għall-perjodu Jannar – Marzu 2011 kif approvat fis-seduta preċedenti u diskuss mill-KLM, kien imiss li jkun diskuss ir-rapport tal-awditur għas-sena 2010. Dan kien jinkludi l-*audited financial statements* kif ukoll il-*management letter* ippreżentata lilna bil-kwalifika tal-*budget* li hu fuq *cash basis*. Hawn il-kunsillieri staqsew lis-segretarju eżekuttiv kif *budget* jista' jsir /ikun preżentat *budget on an accrual basis* meta l-istess *budget* qed jipprovdi (jagħmel *provision*) għal sena sħiħa; issa jekk joħorġux il-pagamenti kollha matul dik is-sena jew jibqgħu xi *accruals* (bħalma dejjem jiġri) hi xi ħaġa barra mil-kontroll ta' dan l-istess kunsill. Is-segretarju eżekuttiv wieġeb illi din il-kwalifika jidher li *Grant Thornton* għamluha lil kull kunsill u personalment jaħseb li trid tigi indirizzata mill-gvern ċentrali għaliex it-*templates* li qed nimxu fuqhom huma dawk ipprovduti lilna mill-istess Dipartiment għall-Gvern Lokali. Il-KLM approva l-*Audited Financial Statement 2010* u s-segretarju eżekuttiv se jibda jwieġeb il-*management letter* ħalli l-istess tweġibiet ikunu diskussi kemm mal-kunsillieri kif ukoll mal-*accountant*.

13. Dal-għodu s-sindku talab lis-segretarju eżekuttiv sabiex isir appuntament ma' *Transport Malta*, propju mal-persuni li jaħdmu fid-direttorat tat-trasport pubbliku sabiex nitkellmu magħhom l-andament tal-istess trasport pubbliku li se jkun kuntrattat mill-kumpanija *Arriva* biex jiġu devjati il-vetturi kollha inkluż l-istess xarabankijiet minn Triq il-Konvoj ta' Santa Marija propju bejn Triq il-Barrieri u Triq Karmenu Ciantar. L-appuntament mitlub mas-Sur Kevin Zahra jitlob diskussjoni biex dan l-arranġament temporanju fit-traffiku jsir waqt il-Festa ta' Santa Marija, propju lejlietha u nharha, għaliex dak in-nhar se jkun hemm festa oħra fil-Qrendi (il-

villaġġ li r-residenti tiegħu jgħaddu minn fuqna) kif ukoll għaliex l-istess każin tal-banda jarmaw is-siġġijiet fil-*by-pass* mit-*1500hrs* 'il quddiem, lejliet il-festa.

14. Intant id-diskussjoni kompliet wara li l-istess *Transport Malta* u/jew *Arriva* qabdu u waħħlu *bus stop signs* fuq arbli propju fejn ir-residenti qed joġġezzjonaw għalihom. Dan għaliex qed jgħeddu saħansitra s-sigurtà ta' darhom peress li ġew taħt galleriji li faċilment wieħed jitla' mal-arbli u jidħol fir-residenzi. Is-sindku qal li dan seħħ b'mod speċjali fi Triq il-Madonna tal-Ġilju kif ukoll fi Triq il-Barrieri. Jidher għalhekk li xi *bus stops* minn dawk suġġeriti minn *TM* ser jiġu allokati postjiet oħra fosthom fi Triq il-Barrieri, Misraħ il-Fidwa u Triq il-Madonna tal-Ġilju.

15. Kienet approvata ċ-ċedola tal-pagamenti numru 416.

16. Is-sindku talab l-appoġġ tal-kunsillieri sabiex nibdew kampanja favur ir-reġistrazzjoni tal-klieb permezz ta' ċippa kif kien imħabbar ftit tal-jiem ilu minn *Dogs Trust Malta*. Din iċ-ċippa titpoġġa taħt il-ġilda tal-kelb u għalhekk l-istess kelb ikun identifikat ma' sidu. Dan biex inrażżnu il-klieb *stray* li hawn jiġru fit-toroq. Biex jiġi evitat il-ħlas irid isir *neutering* tal-kelb/a biex fl-istess ħin ikun b'saħħtu u ħieles mill-mard. L-istess *Dogs Trust Malta* se jkunu qed jagħmlu promozzjoni billi jagħtu pariri lis-sidien tal-klieb fil-pjazza tar-raħal il-Ħadd 31 ta' Lulju 2011 u l-KLM se jgħin billi jqassam materjal f'kull dar biex tkun stimulata din il-kampanja. Is-segretarju eżekuttiv se jagħmel kuntatt magħhom anke billi jipprovdihom bil-*logo* tal-KLM sabiex dan ikun riprodott fuq il-materjal pubbliċitarju skond kif esebixxa s-sindku fuq *posters* li kienu magħmula għall-KLM Gudja. (office@dogstrustmalta.com)

17. Is-sindku qal li jinħtieġ li napplikaw mal-*MEPA* sabiex il-ħarruba li hemm imħawwla fiċ-*central strip* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija viċin Triq Mikelanġ Sapiano, tinqala' minn fejn hi għaliex din qed tagħmel ħsarat fl-infrastruttura fosthom fil-bankina u t-triq.

18. Dwar l-inċident li seħħ fi Triq il-Parroċċa fejn qabdu żewġ vetturi ma' faċċata ta' dar u l-istess residenza ġarrbet ħsarat, il-Kunsillier Grace Marie Mallia staqsiet jekk il-KLM jistax jgħin f'din il-ħaġa, peress li l-vetturi ma kienux tal-familja li nħarqitilha l-faċċata tad-dar. Dwar dan l-omm ġiet tkellmet mas-segretarju eżekuttiv fl-uffiċċju u hu kif ukoll is-sindku marru jaraw il-ħsarat li seħħew. Is-sindku qal li din il-familja kienet offruta li nagħmlu x-xogħolijiet fuq il-faċċata permezz tal-ħaddiema tal-*IPSL* u l-materjal jinxtara kollu minnha u l-offerta tal-KLM kienet irrifjutata. Sadanittant, il-KLM bagħat *bowser* biex ħasel il-bankina u l-art u kines l-inħawi min-nugrufun u se tintbgħat ittra lill-*Elbros Co Ltd* talli offrew il-*bowser* tal-ilma b'xejn lill-KLM. Intant fil-futur se naraw li jseħħ *extensive patching* għaliex jidher li bin-nirien anke dab it-tarmak u se jżomm għadira ilma tax-xita.

19. Nicholas Briffa staqsa jekk hux se jinbidlu il-ħinijiet tal-ftuh tal-librerija u jekk hux se niftħu b'mod aktar frekwenti fis-sajf. Is-sindku qal li jidher li l-ġranet u l-ħinijiet huma adekwati u mhux se jinbidlu għaliex kull min jaqra se jkollu ċans biżżejjed jibdel il-kotba. Intant is-sindku semma l-avveniment li sar matul din il-ġimgħa fejn fih il-KLM se jkun qed jirċievi s-somma ta' €466 mill-gvern ċentrali sabiex jinvestihom f'kotba.

20. Dwar it-talba minn residenta biex xitla li kellha titħawwel f'post pubbliku, in-nies tagħna ikkonfermaw illi din kellha ix-xewk u għalhekk l-offerta ma ntlaqgħetx mill-KLM biex ma nipperikolawx il-ħajja tan-nies. Is-segretarju eżekuttiv qal li wieħed irid joqgħod attent qabel ma jħawwel għaliex meta xitla tikber f'siġra, jista' jkun li dawk ta' warajna jkollhom jaqilgħuha minn postha għal spejjeż kbar minħabba li din jew tkun perikoluża jew tagħmel il-ħsara fl-ambjent li tkun fih.

21. Grace Marie Mallia talbet aktar dettalji dwar il-ġbid tal-*film World War Z* minn *Latina Pictures* fl-inħawi tat-Torri Vinċenti bejn is-7 u d-9 ta' Lulju, 2011. Madankollu s-segretarju eżekuttiv

ma kellu xejn x'jirrapporta għajr illi Paul Bugeja, l-eks sindku ta' San Pawl il-Baħar, illi kien inkarigat bil-permessi, ġie għall-permess tagħna u ħallas €69.90.

22. Il-laqgha ntemmet fid-8.40pm u l-KLM se jiltaqa' nhar il-5 ta' Lulju, 2011 fis-7:00pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>____/____/*2011 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |